# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Novembru 2019**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 699/2019 JVC**

**Edward John A. Bailey**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Edward John A. Bailey kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent twieled f'Malta fil-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sebgha u sittin (1967) gewwa l-Imtarfa, limiti tar-Rabat u dan kif ikkonfermat mill-Att tat-Twelid numru

4659/1967, kopja vera ta' liema att qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi kif jixhed l-istess Att, l-isem tar-rikorrent fuq l-imsemmi att tat-twelid kien imnizzel bhala Edward Bailey;

3. Illi r-rikorrent ghex il-parti l-kbira ta' hajtu gewwa l-Ingilterra, u sa mis-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) huwa kien juza l-isem ta' Bruce Edwards fil-hajja personali u professjonali tieghu, u iktar tard adotta l-kunjom ta' ommu xebba biex l-isem shih tieghu kien 'Bruce Muscat-Edwards';

4. Illi skont kif tippermetti s-sistema legali tar-Renju Unit, permezz ta' *deed poll* datat l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja vera ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B, ir-rikorrent irrinunzja ghall-uzu tal-isem 'Edward John A. Bailey' u minflok adotta isem u kunjom gdid u cioe' 'Bruce Muscat-Edwards';

5. Illi dan id-*deed poll* gie rregistrat gewwa r-Renju Unit hekk kif indikat mill-Passaport u dokumenti ufficjali ohra tar-rikorrent, li lkoll jirriflettu l-bidla ta' isem ir-rikorrent skont l-istess *dead poll*;

6. Illi r-rikorrent ghadu sallum maghruf bhala 'Bruce Muscat-Edwards', u dan kif ser jirrizulta mil-provi li ser jigu prodotti f'dawn il-proceduri. Dan huwa rifless fid-dokumentazzjoni kollha ufficjali, fosthom il-passaport, il-licenzja tas-sewqan, il-karta tal-identita', il-formoli tat-taxxa;

7. Illi r-rikorrent jixtieq japplika, kif ghandu dritt illi jaghmel, ghall-passaport Malti fil-gejjieni qrib minhabba c-cirkostanzi pubblici tal-Ingilterra u anke ghaliex hija x-xewqa tieghu illi jqatta' iktar hin f'dawn il-gzejjer.

8. Illi madankollu, jekk il-passaport Malti jinhareg a bazi tal-Att tat-Twelid suriferit, ser jinholoq konfuzjoni ghaliex se jinghata

lok ghall-holqien ta' identita' doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita' tar-rikorrent;

9. Illi di piu`, wara r-registrazzjoni ta' *deed poll*, l-uzu tal-isem u l-kunjom precedenti tal-persuna huwa strettament pprojbit milli jigi uzat mill-istess, u dan proprju sabiex ma jinholoq ebda kaz ta' identita' doppja. Din il-projbizzjoni mhijiex applikabbli biss gewwa l-gurisdizzjoni tar-Renju Unit izda tkompli tapplika madwar id-dinja kollha;

10. Illi ghal kull buon fini r-rikorrent jirrileva illi huwa kien prezenta rikors quddiem il-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid in kwistjoni ghar-ragunijiet premessi, liema talba b'digriet tad-disgha (9) ta' Frar 2019 giet michuda u dan ghaliex l-istess Qorti ddikjarat ruhha inkompetenti salv id-dritt tar-rikorrenti li jipprocedi quddiem Qorti ohra ta' kompetenza ordinarja "si et quatenus";

**Raguni ghat-talba**

11. Illi r-rikorrent ghandu kull interess illi jsir dan it-tibdil fl-isem u l-kunjom tieghu fuq l-Att tat-Twelid isir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku minnufih sabiex huwa jkun jista' japplika ghall-passaport Malti illi jkun jirrifletti dan it-tibdil fuq l-imsemmi Att tat-Twelid;

**Talbiet**

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe provvediment li thoss opportun, senjatament il-hrug tal-avviz ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tordna l-pubblikazzjoni relattiva fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il (15) jum qabel is-smigh tal-kawza, u:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent gieb u huwa maghruf bhala 'Bruce Muscat-Edwards';

2. Tiddikjara u tiddeciedi li ghall-effetti kollha tal-Ligi ghandhom jidhlu l-annotamenti u korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrenti sabiex jigi indikat bhala 'Bruce Muscat-Edwards' u mhux iktar bhala 'Edward Bailey';

3. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannata u jikkoregi l-Att tat-Twelid numru 4659/1967 u kull att relattiv iehor u dan sabiex l-isem u l-kunjom tal-istess rikorrent ikun jaqra 'Bruce Muscat-Edwards'.

Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez ghall-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jeċċepixxi ukoll illi għalkemm l-posizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li reċentement il-qrati tagħna kienu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet tal-istat ċivili;

3. Illi fir-rigward tad-*deed polls*, għalkemm dawn ma humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolinjeat illi l-Qrati tagħna ddeċiedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reċistrazzjoni;

4. Illi fil-każ odjern jidher li r-rikorrent twieled ġewwa Malta nhar il-5 ta' Novembru 1967 u l-Att tat-Twelid tiegħu jġib in-numru progressiv 4659 tas-sena 1967. Dan l-Att jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1'. Hekk kif jixhed l-Att tat-Twelid stess, it-twelid tal-attur ġie rreġistrat u ddikjarat minn missier l-attur stess;

5. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li għaldaqstant ma jirriżultax li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

6. Illi l-esponent jinnota illi l-attur eżebixxa mar-rikors promotur, kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u dan bl-intiża li jsostni t-talba kif dedotta minnu stess. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi finalment u dan mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa;

Rat partikolarment id-dokument a fol. 7 intitolat 'deed of change of name' fejn jirrizulta li r-rikorrent illum huwa maghruf bhala 'Bruce Muscat-Edwards';

Rat ukoll il-kopja tal-passaport minn fejn jidher ukoll illi r-rikorrent huwa rikonoxxut bhala 'Bruce Muscat-Edwards';

Rat id-dokument a fol. 9 li huwa l-licenzja tas-sewqan tal-istess rikorrent li wkoll tindika l-isem 'Bruce Muscat-Edwards';

Rat illi a fol. 10 saret id-debita pubblikazzjoni;

In vista tac-cirkustanzi kollha suesposti, tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent gie u huwa maghruf bhala 'Bruce Muscat-Edwards';

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi ghall-effetti kollha tal-Ligi ghandhom jidhlu n-notamenti u korrezzjonjiet necessarji fl-att tat-twelid tar-rikorrent sabiex jigi indikat bhala 'Bruce Muscat-Edwards' u mhux aktar bhala 'Edward Bailey';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jinnota u jikkoregi l-att tat-twelid numru

4659/1967 u kull att relattiv iehor u dan sabiex l-isem u l-kunjom tal-istess rikorrent ikun jaqra 'Bruce Muscat-Edwards'.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**21 ta' Novembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2019**